MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

**MAGISTRAT DR.**
**MALLIA MICHAEL LL.D.**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 557/2002

**M. Demajo (Wines & Spirits) Limited**

**vs**

**Marmista Limited**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf, disa' mija u tletin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm1,930.95) rapprezentanti prezz ta' merci mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici fuq istruzzjonijiet tas-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ittra legali datata dsatax (19) ta' Gunju, 2002, u tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz ghas-smiegh, u bl-imghax legali sal-jum tal-hlas effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socejta’ konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-28 ta’ Ottubru, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

Anthony Zammit
Dep Reg.